# 100 Sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tal-M.US.E.U.M. Sezzjoni Femminili 1910 - 2010

*Museum Bniet*

"X'tixtieq issir meta tikber?" insaqsu lit-tfal. U ħafna jweġbuna: "*Teacher*", "Pulizija", "Tabib", "*Nurse*", u jsemmulek ħafna xogħlijiet oħra, skont dak li jaraw madwarhom. Imma meta nibdew nikbru, din il-ħolma ta' x'se nsiru meta nikbru ssir realtà għaliex dik tkun il-vokazzjoni tagħna.

Il-kelma 'vokazzjoni' ġejja mil-Latin u tfisser 'is-sejjaħ' u aħna hekk nemmnu: li dak li aħna nsiru fil-ħajja tagħna huwa skont dak li Alla jsejjaħ fil-qalb tagħna.

Hekk kienet temmen Ġannina Cutajar, tfajla ta' sittax-il sena minn Raħal Ġdid. Kienet tħoss fil-qiegħ ta' qalbha li Alla ried minnha xi ħaġa speċjali u għalhekk, kontra t-tfajliet ta' żmienha, kienet għadha mhix għarusa. Darba fost l-oħrajn Dun Ġorġ, li kien ħabib tal-familja tagħha peress li ħuha kien soċju tal-Museum, kien id-dar tagħhom u qasam magħha l-ħolma tiegħu: li t-tagħlim tal-katekiżmu u l-ħajja ddedikata lil Alla għat-tagħlim ma tkunx għall-irġiel biss imma għan-nisa wkoll! U Ġannina f'qalbha ħasset lil Alla jsejħilha permezz tal-ħolma ta' Dun Ġorġ u aċċettat li hija tkun l-ewwel soċja tal-Museum Sezzjoni Femminili.

Kien nhar l-10 ta' Jannar 1910 - mitt sena ilu! L-Iva ta' Ġannina Cutajar kienet tfisser il-bidu tal-Fergħa Femminili fi ħdan il-Museum. Kien ifisser il-ftuħ tal-Museum fis-Siġġiewi fejn ħafna tfal u żgħażagħ qed ikollhom l-opportunità li jitgħallmu kif jgħixu l-valuri Nsara fil-ħajja ta' kuljum.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija ħafna familji Maltin li kienu joqogħdu viċin tal-portijiet bdew imorru



jgħixu f'irħula fejn kien hemm inqas riskju ta' bombi mill-ajru. Martha Bonnici, Maria u Ġuża Caruana mill-Isla, Evelyn Galea mill-Birgu u Dolor u Rożina Aquilina mill-Belt Valletta ġew mal-familji tagħhom joqogħdu s-Siġġiewi. Huma diġà kienu milqutin bil-ħolma ta' Dun Ġorġ u s-Superjura Ġannina u kienu qed iwettquha fir-realtà billi ddedikaw ħajjithom lil Alla permezz tal-ħajja Museumina.

Kif waslu hawn irrealizzaw li s-Siġġiewi ma kien hawn ħadd jagħti t-tagħlim tal-katekiżmu u għalhekk huma talbu l-permess tal-kappillan, il-Monsinjur Franġisku Saverju Mangion, biex jibdew jgħallmu t-tfal Siġġiwin. Hu aċċetta mill-ewwel u hekk il-fergħa tal-bniet tas-Soċjetà Museumina fetħet il-bibien tagħha ġewwa r-raħal tagħna.



Imma f'din il-ħolma mhux kollox kien faċli, għaliex wara ftit żmien li s-soċji bdew jgħallmu fl-Oratorju, dan intlaqat mill-bombi. Għalhekk ġiet offruta lilhom il-kappella ta' San Ġwann. Meta ma setgħux ikomplu jużaw il-kappella, ġew offruti postijiet oħra, fosthom il-palazz ta' Fiefu, f'57, Triq il-Kbira, u flistess triq, fid-dar numru 61.

Waħda mill-katekisti, is-Sinjorina Nikolina Caruana, li maż-żmien saret membru tas-Soċjetà, billi kienet tgħix waħedha, offritilhom li jużaw darha għall-Assenjatur. Sadattant, is-soċji baqgħu jfittxu post, imqar b'kamra waħda, fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu bla ma jiskomodaw lil ħadd.

Inqala' benefattur, Nikola Vella, ħu l-mibki Dun Anton Vella, li offra lis-soċji post ċkejken b'kamra waħda u bitħa ġewwa għalqa kbira, f'39 Triq il-Ġdida. Il-post kien fqajjar. Flok siġġijiet kellhom xi erba' kaxxi tal-injam u mejda msewsa kienet isservi ta' artal. Darba l-Fundatur mar iżur lis-soċji ġo din il-kamra fqira u kif daħal qal, "Il-grotta ta' Betlem!" Xi żmien wara, is-soċji talbu lil Nikol Vella biex jagħtihom kamra oħra li kellu bis-silla, biex jużawha bħala kappella, u dan ikkuntentahom. Issa li s-soċji kellhom post għalihom, bdew jiltaqgħu iżjed regolarment u d-duttrina kienet issir dejjem minkejja l-*black-out* u t-twerwir tal-gwerra.

Wara żmien twil, bil-għajnuna ta' qlub ġenerużi Siġġiwin fosthom is-soċja Angela Cachia u ħutha, inbniet dar f'24, Triq id-Dejqa biex tibda tintuża bħala qasam. Din id-dar ġiet imbierka minn San Ġorġ Preca nhar l-10 ta' Frar 1956.

F'dawn il-ħamsin sena li kien ilu li nfetaħ il-qasam, il-membri u t-tfal żdiedu u d-dar reġgħet bdiet tkun żgħira wisq biex taqdi l-bżonnijiet tal-parroċċa. Għalhekk reġgħet bdiet issir ħidma kbira mis-superjura u mill-membri tal-qasam biex tiġi akkwistata dar akbar.

Mill-ġdid, il-Providenza t'Alla wriet il-kobor tagħha b'mod tal-għaġeb u fid-29 ta' Settembru 1993 tbierket l-ewwel ġebla tal-qasam il-ġdid fi Triq il-Qajjied. Din id-dar ġdida hija monument sabiħ u maestuż tal-ħidma bla heda tal-membri tal-qasam kif ukoll tal-poplu kollu tas-Siġġiewi. Il-qasam il-ġdid infetaħ għad-duttrina biċ-ċelebrazzjoni solenni tal-quddiesa nhar is-27 ta' Novembru 1995.

Matul din is-sena 2010 madwar 250 tifla mis-Siġġiewi qegħdin jirċievu l-formazzjoni Nisranija tagħhom f'dan il-qasam. Dan kollu huwa frott ta' ħolma li nbdiet u nxterdet fost ħafna qlub Maltin. Min jaf l-Iva għall-ħolm tagħna, magħquda ma' dik li Alla jrid, fejn għad twassal?! Ejjew mela, f'dan il-mitt anniversarju, ma nibżgħux ngħidu IVA lil Alla għal dak kollu li huwa jrid minna – kemm fil-ħajja miżżewġa, f'dik saċerdotali jew reliġjuża, kif ukoll bħala lajċi impenjati fi ħdan il-Knisja!

**Alla qed isejjaħ ...**
**Żagħżugħa, qiegħda tisma'?**
**U int, żagħżugħ, għandek widnejk miftuħa għas-sejħa t'Alla?**

